**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 384 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**Niko Agius (KI: 35801 L)**

**Deyan Caruana (KI: 459098 M)**

**Nicolas Buhagiar (KI: 74001 L)**

Illum 8 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Niko Agius, Deyan Caruana u Nicolas Buhagiar, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-8 ta' Awwissu 2019 ghall-habta ta' 17:0hrs u fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Bajja tar-Rinella, Kalkara:

1. Involontarjament ikkagunaw hsara fuq opra tal-bahar registrata bin-numru S 20499 li tammonta ghal total ta' €3218.21 ghad-dannu ta'

Charles Bonnici (Kap 9 Sec 328 (d)), f'kaz li l-Qorti ssib lill-imputati hatja, hija mitluba tapplika (Sec 15A tal-Kap 9) u dan favur ta' Charles Bonnici.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-11 t'Ottubru, 2021, fejn il-Qorti wara ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, iddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghhom u illiberathom minn kull piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq, tghaddi sabiex issib l-appellati hatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghhom u konsegwentement tinfliggi fuqhom il-piena idonea skont dak li tirrekjedi l-ligi;

Rat illi fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) l-esponenti Avukat Generali rceviet minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti proceswali fl-ismijiet premessi u hasset aggravata bihom b'mod car u manifest, u dan ghaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti , permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, ghamlet apprezzament hazin fil-ligi tal-procedura kriminali, u ghaldaqstant l-esponenti qieghda tinterponi l-umli appell taghha u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. L-aggravju tal-esponenti Avukat Generali f'dan il-kaz huwa li l-appellati kienu gew illiberati minn kull piena minhabba li c-cirkostanzi ambjentali li fihom gew mixlijin kienu ftit differenti minn dawk li rrizultaw matul il-kors tal-provi prodotti fil-kawza;

2. Illi minn qari tac-citazzjoni, l-appellati gew mixlijin li wettqu r-reat gewwa '*Rinella Bay*' Kalkara, mentri l-provi juru li d-dghajsa misjuqa mill-appellati

kienet instabet gewwa grotta hdejn *'Fort Rinella'*, Kalkara. Il-problema ravvizata mil-Qorti tal-Magistrati kienet ghalhekk id-differenza bejn dak misjub fl-avviz ghal dak li rrizulta mill-provi bhala l-lok fejn sehh r-reat u cioe' li filwaqt li l-Qorti kienet konvinta li mill-provi rrizulta li r-reat sar fil-lokalita' Kalkara madanakollu ddecidiet li z-zona indikata kienet wahda differenti;

3. Illi huwa evidenti mir-rapport tal-incident esebit a fol 59 ta' dawn il-proceduri li l-lok tal-incident kien propju indikat bhala "*Cave under the Fort Rinella – near Malta Film Studio*". Dan il-fatt gie konfermat fix-xhieda tal-parte civile, l-Kaptan Charles Bonnici, a fol 21 li qal li kien ircieva telefonata minn l-imputati li kellhom bzonnu l-ghajnuna. Ghalhekk kien bghat l-assistent tieghu fejn eventwalment sabuhom "*go ghar taht il-Fort Rinella*". Meta l-imputat Deyan Caruana gie mistoqsi fejn kienu ezatti, huwa kkonferma dak li qal il-parte civile billi qal "*fejn qallek hu ezatt konna...M'ghandux ghalfejn jigdeb*". Barra minn hekk, fl-NPS report ezebit a fol 12, jirrizulta li l-pulizija tkellmu mall-assistent tal-Kaptan, is-Sur Lessing, li kkonferma li hu kien sab id-dghajsa gewwa grotta r-Rinella;

4. Illi l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) , jaqra hekk:

> *360. (1) Meta ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed skont il-ligi ghall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Ezekuttiva ghandha, b'ordni bil-miktub, tharrek lil dik il-persuna biex tidherquddiem il-Qorti tal-Magistrati.*
>
> *(2) Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna*

*mharrkatonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

5. Illi ghalhekk, fil-fehma tal-esponenti, l-ezercizzju li trid taghmel dina l-Onorabbli Qorti huwa ezami tal-elementi li jsawru l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tajjeb li jinghad li meta gew biex jinterpretaw l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati nostrana tradizzjonalment ghalmu li c-citazzjoni hija *avviso a comparire*, u accettaw sitwazzjonijiet fejn tirrizulta diskrepanza bejn partikolaritajiet imsemmija fl-avviz u l-provi li jirrizultaw matul il-kors tal-kawza. Dan ifisser li c-citazzjoni fin-natura taghha hija intiza biss bhala avviz sabiex persuna tidher fil-gurnata u hin moghti;

6. Illi ghalhekk fis-sentenzi tal-Qorti Kriminali bhala Qorti ta' revizjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati fl-ismijiet il-**Pulizija vs Arthur S. Mortimer** deciza nhar is-6 ta' Dicembru 1948, kif ukoll **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri** deciza nhar it-18 ta' Marzu 1955, l-Imhallef William Harding spjega l-posizzjoni legali relattiva ghac-citazzjoni u cioe' li ma kienx intiz tinghata l-forma solenni li kellu jinghata lill-att tal-akkuza, u dan peress li huwa procediment sommarju. Ghalhekk, l-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360 (2) **ma kienux essenzjali**. Dan ghaliex ic-citazjoni ma kienet xejn hlief l-ordni moghtija mill-Pulizija lill-imharrek sabiex huwa jidher il-Qorti f'data u hin moghtija lilu meta ma jkunx hemm lok li huwa jittiehed il-Qorti taht l-arrest;

7. Illi l-Imhallef Harding jtenni li: "*ma jistghux jitqajmu u jintlaqghu oggezzjonijiet ghal difetti fil-forma jew fis-sustanza tal-avvizi. Dak li kellu dritt ghalieh l-imputat fl-avviz huwa 'reasonable information as to the nature of the charge'. U li jekk b'dik l-informazzjoni skorretta l-imputat kien ihoss li gie 'misled jew decieved', huwa dejjem kellu l-jedd li jitlob li jinghata differiment sabiex ikun jista' jirregola ruhu u jiddefendi lilu nnifsu ahjar*".

8. Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Bartoli** deciza nhar it-8 ta' Jannar 1938 mill-istess Qorti imsemmija hawn fuq, irrizulta li l-imputat kien ikkontesta l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kien wera ben tajjeb li kien jaf ghall-liema cirkostanzi l-imputazzjoni kienet tirreferi u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-aggravju tieghu fuq id-difett fic-citazzjoni jigi milqugh;

9. Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**, it-talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni saret wara li kienu inghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Id-difiza oggezzjonat ghal tali bdil izda l-Qorti tal-Magistrati kienet laqghet it-talba. Dan wassal ghal dak l-appell. Il-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imhallef William Harding, ikkonkludiet li: "*ic-citazzjoni ma tistax titqabbel mal-att tal-akkuza u n-nuqqas ta' partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali ma kienux igibu n-nullita tac-citazzjoni, liema nuqqas jista' biss jintitola lill-imputat li jitlob u jottjeni differiment sabiex ikun jista' jirregola ruhu u jiddefendi ruhu ahjar.*";

10. Illi l-istess ragunament sar fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament presjeduta nhar il-5 t'Awwissu 2003, fejn gie konfermat li "*n-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartiklu (2) tal-Artikolu 360, u cjoe' il "post", "hin" u "cirkostanzi", ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni w anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta'dak li jkun.*";

11. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Portelli** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament presjeduta nhar it-3 ta' Marzu 1992, gie deciz li "*c-citazzjoni ghalhekk xorta wahda ried ikollha fiha l-fatti li juri car ir-reat li bih persuna tkun qed tigi mixlija u dan ghandu jsir minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni u b'tali mod li l-imputat ikun jaf dwar liema reat jew reati jkun qed jigi mixli bihom u ghal liema reat ghandu jwiegeb.*"

12. Illi fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Zammit</u>** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Jannar 2016, gie konfermat li ghalkemm ma kienx hemm dubju li "ghall-habta tal-11.00" mhuwiex l-istess bhal "ghall-habta ta 14.00", l-anqas ma kien hemm dubju li l-appellant kien jaf sew ghall-liema incident il-kaz kien qieghed jirreferi;

13. Illi fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Emmenuele Azzopardi</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 t'Ottubru 2019, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat appellant li wettaq ir-reat fi Vjal il-21 ta' Settembru, fin-Naxxar, mentri mill-provi prodotti irrizulta li l-incident sehh fi Triq il-Labour, fin-Naxxar. Il-Qorti qablet mal-posizzjoni adottata mill-Imhallef Harding fejn sahaq li "*l-gurisprudena regolanti c-citazzjoni, bazata kif inhi fuq il-ius receptum, tishaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imnizzel fic-citazzjoni ghal dak li jirrizulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirrizulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub ficcitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuza ma tkunx sostenibbli.*";

14. Illi f'dan il-kaz, il-proceduri kienu sommarji, u dan peress li l-piena ravvizata fl-artikolu 328 (b) tal-Kodici Kriminali ma kinitx teccedi tliet xhur prigunerija. L-imputati min-naha taghhom ghazlu li jikkontestaw din l-imputazzjoni li gew inharrkin permezz ta' citazzjoni, u bl-ebda mod ma cahdu li kienu involuti fl-incident bid-dghajsa li krew minghand il-*parte civile* de duo. Anzi l-imputat Deyan Caruana qabel mal-*parte civile* li sabuhom "*go ghar taht il-Fort Rinella*" fejn kien sehh l-incident. Ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li kien car kristallin f'mohh l-imputati ghal liema incident kienu gew mharrkin, dwar liema incident gew mitlubin jirrispondu u dwar liema incident kellhom id-dritt jiddefendu ruhhom. Kien car ukoll li dak li l-incident sehh fil-Kalkara, haga li rravizzat ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi barra minn hekk, ma kienx hemm diskrepanzi bejn il-provi tal-Prosekuzzjoni u dik tal-*parte civile* u li setghu b'xi mod jippregudikaw il-posizzjoni tal-imputati milli jkunu jistghu jiddefendu ruhhom. Lanqas ma jista' wiehed jargumenta li d-diskrepanzi ravvizati kienu diskrepanzi kbar. Minn analizi tal-atti processwali jirrizulta li d-diskrepanza kienet wiehed fiz-zona indikata filwaqt li ma kien hemm l-ebda diskrepanza fil-lokalita' fejn sehh l-incident. Jidher ghalhekk car li meta jigi analizzat dak li gie pruvat quddiem il-Qorti u dak li kien miktub fic-citazzjoni ma kienux ta' diskrepanza tali li l-akkuza ma baqghetx sostenibbli. Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss *variance,* izda differenzi jew diskrepanzi kbar bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviz u dak rizultanti mill-provi. B'tali diskrepanzi kbar wiehed jifhem li kieku l-lok tal-incident kien jirreferi ghal-lokalita' differenti izda certament mhux ghal zona differenti fl-istess lokalita'. F'dan il-kaz il-varjanza kienet tant zghira u suffragata mill-provi rizultanti, inkluz mill-azzjoni u x-xiehda tal-imputati nnfushom u mix-xiehda tal-prosekuzzjoni u tal-*parte civile* li certament li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjoni li wiehed mill-elementi u cioe' l-lok tal-incident ma kienx pruvat;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tal-11 ta' Jannar 2022.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-Avukat Generali abbazi tal-fatt li l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellanti billi ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u cioe tal-artikolu 360(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ghaliex dwar il-fatti u cioe dak li effettivament gara dak in-nhar tal-incident u cioe nhar it-8 ta' Awwissu 2019 mhux kontestat pero l-Qorti a sua sponte illiberat lill-appellati ghaliex filwaqt li fil-komparixxi kien hemm indikat li l-incident sehh gewwwa il-bajja tar-Rinella il-Kalkara, mill-provi jirrizulta li in efetti l-incident sehh go ghar taht Rinella.

L-Ewwel Qorti stqarret li l-imputazzjoni trid tigi ppruvata fl-intier taghha cioe apparti l-allegat fatt kriminuz, iridu ukoll jigu ppruvati d-data, il-hin u l-lok. Illi dwar id-data u l-hin ma jirrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni, pero dwar il-lok fil-fehma taghha tezisti problema u dan ghaliex filwaqt li l-appellanti isostnu li kienu lejn il-breakwater u setghu jiddriftjaw xi ftit minhabba l-kurrent, il-kwerelant isostni li l-assistent tieghu sabhom go ghar taht il-Fort Rinella il-Kalkara. Fil-fehma tal-Qorti il-lok huwa vicin pero huwa maqtugh mill-"bajja tar-Rinella." Ghalhekk fil-fehma taghha l-Ewwel Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova il-lok ta' fejn sehh l-incident u ghalhekk ghaddiet biex tillibera lit-tlett appellanti.

Ikkunsidrat:

Issa, il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg[1]</u>** intqal:

> "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer</u>** A. & C.E[2]. li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi proferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il 25 ta' Lulju 1994
[2] Vol.XXXIII.iv.758)

stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore[3]'. Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita."[4]

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg**[5]:

> *"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal- proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghallimputazzjoni dedotta.*
>
> *.....*
>
> *Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha lordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti talMagistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik iccitazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

---

[3] Ara sentenza citata, pagna 761

[4] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami**

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il fl-4 ta' Novembru 1994

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

> *"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."*

Issa, mill-atti ma jirrizultax illi l-appellati dehru li ma fehemx ta' x'hiex kienu qeghdin jigu akkuzati ghax fl-ebda stadju ma qajmu dan il-gravat. Sahansitra huma ghazlu li jixhdu u jaghtu l-verzjoni tal-fatti kif jafuhom huma stess. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma emnitx il-verzjoni taghhom dwar kif sehh l-incident pero fl-ebda hin ma intqal mid-difiza jew mill-prosekuzzjoni waqt l-andament tal-proceduri quddiem il-Qorti li kien hemm xi problema dwar kif gie deskritt il-lok ta' fejn sehh l-incident. L-appellati kienu jafu ben tajjeb ghal liema incident kienet qed tirreferi c-citazzjoni u ghalhekk dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti li kellha tillibera lill-appellati ghax il-lok kien deskritt hazin fil-komaprixxi ma jsibx sostern quddiem il-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u qeghda thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ta' nhar l-1 ta' Ottubru 2021 u ghalhekk sabiex ma tipprivax lill-appellati mid-doppio esame qeghda tibghat l-atti mill-gdid quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jigu gudikati mill-gdid fuq il-provi akkwiziti qabel ma inghatat l-Ewwel sentenza.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur